MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2008

Numru 556/2006

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Raymond D'Anastas)**
**(Spettur Marisa Camilleri)**

**Versus**

**Emanuel Ciantar**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Emanuel Ciantar ta' 42 sena bin Frederick u Rosaria nee Sultana mwielda l-Marsa u residenti Sapphire Triq il-Belt Valletta Ħal-Qormi detentur ta' l-ID card bin-numru 50764 (M)

Akkużat talli

(1) Fl-4 ta' Ġunju 2006 għall-ħabta tas-sagħtjen u nofs ta' wara nofs ta' filgħaodu ġewa Ħal-Qormi volontarjament ikkaġuna feriti ta' naturaħafifa fuq il-mara tiegħu Mary

Diana Ciantar u dan skond kif iċċertifkat it-Tabiba Caroline Magri M.D.

(2) Fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ħebb għall-mara tiegħu Mary Diana saboiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha ħsara;

(3) F'Ħal-Qormi fl-istess data indakata aktar 'il fuq għall-ħabta tat-tlieta ta' filgħodu, inġurja, hedded u għamel offiżż ta' natura ħafifa skodn kif iċċertifika it-Tabib Stephen Muscat MD ta' l-Isptar San Luqa fuq il-persuni tal-Membri tal-Korp tal-Pulizija li huma PS 403 James Grech u PC 244 Steve Farrugia liema mmebri huma nkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

(4) Ukolli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta xorta li ma jitqiesx vjolenza pubblika kontra l-istess membri tal-Korp indikati aktar 'il fuq waqt li kienu qed jaġixxu fl-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skond il-Liġi minn awtorita' kompetenti;

(5) Ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u fl-Għassa tal-Pulizija Ħal-Qormi xi ħin wara qal kliem oxen jew daħga fil-pubbliku;

(6) U li bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-noes bi ħsejjes jew għajjat jew b'xi mod ieħor.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex jekk jidhrilha tipprovdi għas-sigurta' ta' Mary Diana Cassar billi torbot lill-imputat b'obbligazzjoni taħt l-artikolu 383 tal-Kap 9 u toħroġ l-Ordni ta' Protezzjoni taħt l-artikolu 412 (ċ) u 412(d) tal-Kap 9.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputata sabiex dawn il-proċeduri jkunu

sommarji, il-fedina penali ta’ l-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu numru 507 ta’ l-1964, ir-rinunzja da parti ta’ Mary Daina Ciantar għall-azzjoni kriminali fi terminu ta’ erbat ijiem (fol.6), il-ħruġ ta’ Ordni tat-Trattament skond l-artikolu 412D li għaliha l-imputat ta l-kunsens tiegħu u ċ-ċertifikati Dok SM, (fol.16), SM 1 (Fol.17) u MC 2 (fol 34), l-istqarrija ta’ l-imputat a fol.32 u r-rikors magħmul mill-Kummissarju tal-Pulizija a fol.18.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli Prosekutur u ta’ l-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

5. Skond ix-xhieda ta’ PS James Grech fl-4 ta’ Ġunju, 2006, il-mara ta’ l-imputat nstabet qed tissawwat mill-imputat. (Fol.23). L-imputat beda jgħajjar lix-xhud u lil min kien miegħu.(WPC 187 Graziella Muscat u PC 244 Stephen Farrugia). L-imputat beda jitkellem ħażin u lil PC 244 weġġagħlu sebgħu. L-imputat kellu riħa ta’ xorb u beda jgħajjar lix-xhud ‘kiesaħ’ meta dan ma kienx jafu. Huwa beda jhedded li ser jispara lill-Pulizija. Fl-għassa beda jidgħi u kompla jhedded. Dan ix-xhud kellu bruise f’daharu.

6. PC 244 Stephen Farrugia kkonferma li l-imputat kien qed isawwat lill-mara tiegħu u beda jagħtiha daqqiet bis-sieq f’rasha u fl-istonku tagħha. (Fol.27). L-imputat ħebb għall-Pulizija fiżikament(fol.28). Lil dan ix-xhud weġġagħlu sebgħu u fil-fatt kien fekkikhulu. (fol.28).

7. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat ma ftakarx li kien sawwat lill-mara jew li kellu xi jgħid mal-Pulizija.

8. Dr.J Caroline Magri kkonfermat iċ-ċertiifkat dwar Dian Ciantar li minnu jirriżulta li kien hemm offiżi ta’ natura ħafifa.(fol.38)

9. Dr Stephen Muscat ikkonferma ċ-ċertifikati dwar is-surġent James Grech u l-Kuntistabbli Stephen Farrugia. Huwa ddeskriva l-offiżi bħala ħfief fiż-żewġ każi.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

10. Dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet, il-Qorti qed tikkonsidra r-rinunzja għall-azzjoni kriminali da parti tal-amra ta' l-imputat li saret fi żmien erbat ijiem minn meta sar l-allegat reat (ara fol.6). F'dawn iċ-ċirkostanzi, stante li ai termini ta' l-artikolu 221(1) u (3) tinħtieġ il-kwerela tal-parti, il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet. (It-tieni imputazzjoni hija fil-fatt assorbita fl-ewwel waħda).

**It-tielet imputazzjoni – offiża ta' natura ħafifa fuq żewġ pulizija.**

11. Kien ippruvat li saru offiżi fuq żewġ Pulizija u dan skond iċ-ċertifikat ta' Dr.Stephen Muscat u mix-xhieda tal-Pulzija dawn saru mill-imputat waqt li kienu qed jippruvaw jikkalmawh. Huma kienu qed jaqdu dmirhom meta saru dawn l-offiżi. Għalhekk l-elementi ta' l-artikolu 95(1) tal-Kap 9 huma soddisfatti. Dan kien każ ta' offiżi ħfief fuq il-persuna u għalhekk japplika l-artikolu 221(1) li a tenur ta' l-artikolu 95 għandu jiżdied bi grad.
L-arftikolu 221(1) iġorr piena ta' tliet xhur priġunerija jew multa. L-imputat hedded ukoll lill-uffiċjali tal-Pulizija. Din l-imputazzjoni hija ppruvata mill-Prosekuzzjoni.

**Ir-raba' Imputazzjoni – L-artikolu 96.**

12. Fil-fehma tal-Qorti, kif ukoll skond każistika kostant, dan l-artikolu jirrikjedi forma aktar serja ta' reżistenza jew vjolenza minn dik li jirriżulta mill-atti proċesswali. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mir-raba' imputazzjoni.

**Il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet.**

13. Dawn huma ippruvati għaliex wieħed mix-xhieda kkonferma bil-ġurament li l-imputat kien saħansittra dagħa

u qal kliem oxen waqt li skond il-ħin idikat dan kollu sar bil-lejl u għalhekk l-imputat kiser il-mistrieħ tan-nies.

**Konklużjoni**

14. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 221(1)(a), 339(1)(d), 95(1), 96, 338(bb) u 338(m) tal-Kap 9 (i) mhix tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet għar-raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq; (ii) qed issib lill-imputat ħati tat-tielet, tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni; (iii) qed tilliberah mir-raba' imputazzjoni.

15. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha, fosthom it-theddid lill-membri tal-Pulizija (li kien ukoll heddidhom li jispara fuqhom) kif ukoll il-ġrieħi li dawn sofrew.

16. L-imputat skuża ruħu mal-Pulizija tramite l-avukat difensur tiegħu.

17. Wara li rat ukoll l-artikoli 28A u 341 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat **sitt** xhur priġunerija sospiżi għal **erba'** snin jekk ma jwettaqx reat ieħor matul dan iż-żmien (imputazzjoni numru 3) kif ukoll għall-ħlas ta' żewġ amendi (imputazzjonijiet 5 u 6) li komplessivament jammontaw għal **€116** li għandhom jitħallsu fi żmien xahar mil-lum. Jekk ma jitħallsux dawn jinbidlu f'jum priġunerija għal kull € 11.65 mhux imħallsin.

18. Din il-Qorti diversament preseduta ħarġet ordni taħt l-artikolu 419(D) tal-Kap 9.

19. Stante li Mary Diana Ciantar, mart l-imputat irrinunzjat għall-azzjoni kriminali, il-Qorti mhix toħroġ ordni taħt l-artikolu 412(C) jew torbot lill-imputat b'obbligazzjoni taħt l-artikolu 383.

20. Fl-aħħarnett minħabba li l-imputat ma kellux avukat min jiddefendih għas-smigħ tar-rikors tal-Kummisarju tal-Pulizija (fol.20) il-Qorti kienet ħalliet id-deċżjoni għal meta l-provi jkunu eżawriti. Dan sar qabel ma daħlu fis-seħħ l-

emendi l-ġodda dwar il-ksur tal-Bail. Ma saritx aktar insistenza dwar dan ir-rikors u għalhekk il-Qorti mhix qed tieħu konjizzjoni tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------